A.L. 80 ta' l-1987

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA (KAP. 10)

Regolamenti ta' l-1987 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 93 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u tal-Ġustizzja, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1987 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet) u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1982 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Tariffa ta' Nolijiet), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 14 ta' l-1982

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Jannar, 1988.

Jissostitwixxi t-Tabella II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok it-Tabella II ta' l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"TABELLA II
SERVIZZ GĦAL GĦAWDEX — NOLIJIET GĦAL OMNIBUSLIJET BIL-MUTUR

Għal kull traġitt fl-istess belt jew raħal	—	2c
Għal kull traġitt bejn bliet jew irħula differenti	—	6c

Tfal bejn l-età ta' 3 snin u 10 snin iħallsu nofs in-nol stabbilit, suġġett għall-ħlas ta' mhux inqas minn 2c.

Tfal li jkunu sejrin jew ġejjin minn xi skola matul il-perijodi murijin fil-paragrafu 13 tad-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom iħallsu, jekk ikollhom permess validu, nofs in-nol stabbilit, suġġett għall-ħlas ta' mhux inqas minn 2c.".